# Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
# bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD Mag.Jur. (Euro. Law)

***Drogi 247/01***

***Pulizija***
***Spettur Neil Harrison***
***vs***
***Duncan Mangion***

Illum 31 ta' Jannar 2002

Il-Qorti,

Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

Illi l-akkuza dedotta kontra l-imputat hija bazati fuq ir-reati ta' **Pussess Illegali tad-droga ecstasy.**

Illi l-imputat ammetta l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant din tinstab sodisfacentement provata skond il-ligi.

In propositu ghall-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali netta ta' l-imputat kif ukoll il-fatt li d-droga kienet tikkonsisti f'pinnola wahda u thoss opportun li f' dan il-kaz takkorda l-liberta' kondizzjonata.

Ghal dawn il-mottivi issib lill-imputat hati skond l-akkuza ai termini tar-regolament 8 GN 292/39 u Regolament 5 tal-AL 22/85; izda tilliberah bil-

***kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tnax-il xahar*** skond l-artikolu 9 kapitolu 152.

Il-Qorti spjegat lill-imputat is-sinifikat u l-import ta' l-imsemmi provvidiment

Illi in fine l-Qorti tordna d-destruzzjoni tad-droga esebita a kura tal-Ispizjar Mario Mifsud li qed jigi nominat espert ghal dan l-iskop.

***Dr.Noel Cuschieri***
***Magistrat***